KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 475 (9-18)

It-Tnejn 11 t'Awwissu 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia
Il-Kunsillier Christopher Farrugia
Il-Kunsillier Dominic Grech
Il-Kunsillier Albert Pace
Il-Kunsillier Charles Vassallo

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**475.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**475.1.1** Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**475.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 474. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsillier Christopher Farrugia ssekonda. Il-Kunsill approva il-Minuti bħala dokument korrett.

**475.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

**475.2.1.1** 474.5.1.1 Il-Kunsillier Christopher Farrugia rrefera għall-kummenti li kienu saru fis-seduta preċedenti. Hu qal li madankollu, l-attivita' xorta saret. Il-Kunsillier Farrugia talab li jiġu murija il-kwotazzjonijiet miġjuba. Is-Segretarju Eżekuttiv rreferiet għad-dettalji kif spjegat f'Minuti item 474.5.1.1. Il-Kunsillier Dominic Grech qal li filwaqt li kienet attivita' ta' suċċess insegwitu għad-diskissjoni li kienet tqajmet din ma kellha qatt tiġi organizzata ma' fergħa ta' partit politiku. Il-Kunsillier Christopher Farrugia irrefera għall-filmati mtella fuq Social media u staqsa jekk fil-ġita kienx hemm fotografu ingaġġat b'fondi tal-Kunsill, u staqsa wkoll jekk hemm pjan ta' koperazzjoni mal-istess aġenzija fil-futur. Il-Viċi Sindku qal li l-AŻAD hija fondazzjoni indipendenti mill-2011 u kif diġà spjegat, il-koperazzjoni mal-AŻAD għal din il-ħarġa partikolari li kienet l-aħjar opzjoni wara riċerka fis-suq, kif kienet issemmiet f'Seduta 473. Il-Viċi Sindku irrefera għas-Seduti li qegħdin online. Il-Kunsillier Albert Pace qal li l-Kunsill għandu jevita kull affiljament ma' partiti politiċi. Is-Sindku qal li f'leġislatura li għaddiet kien hemm attivitajiet politiċi soċjali fil-binja taċ-ċentru ċiviku, fejn il-kunsill kien ħeġġeġ li dawn l-inizjattivi jressqu lill-pubbliku lejn politika ta' benefiċċju. Is-Sindku propona li issues simili għandhom jitressqu seduta u jiġu diskussi individwalment.

**475.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**475.3.1** Enemalta Distribution Centre – BCA

Is-Sindku rrefera għall-komunikat mill-Enemalta fejn qed jitolbu 'no objection letter' mill-Kunsill Lokali biex ix-xogħolijiet jibqgħu għaddejjin fil-Ħdud u festi f'żoni mhux abitati ħalli l-proġett jibqa' għaddej. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u qabel li peress li l-proġett huwa ta' importanza nazzjonali, tajjeb li x-xogħol jibqa' għaddej ġaladarba mhux fiż-żona residenzjali.

**475.3.2** Installazzjoni ta' cabinets tal-Melita

Is-Sindku preżenta dokument b'lista ta' siti fejn qed jiġi propost li jiġu installati kaxxi/cabinets tal-Melita. Hu qal li qed isir eżerċizzju biex jitneħħew ammont ta' wires imdendla u jitgħaddew minn taħt l-art għal ġo dawn il-cabinets li diġà saru ammont minnhom f'diversi toroq. Is-Sindku beda jelenka u jispjega s-siti proposti. Il-Kunsill qabel mas-siti kif proposti fi Triq Nicolo Baldacchino, Triq il-Providenza, Triq -Għid, Triq il-Mitħna, u Bur il-Kbir. Għas-sit indikat fi Triq Kirċippu wara l-bus shelter, inġibdet l-attenzjoni biex il-cables ikunu biżżejjed 'l isfel taħt il-ħamrija biex dawn ma jinqabdux bil-mutur tal-ħart biex nevitaw ħsarat. Rigward is-sit propost fir-roundabout żgħira fi Triq Mons Mikiel Azzopardi ma' Ta' Brandin, il-Kunsill ma qabilx ma' dan is-sit u ġie propost li jinstab sit alternattiv ma' ħajt fejn ikun l-inqas inkonvenjent għar-residenti u inqas 'eyesore'. Il-Kunsillier Charles Vassallo talab biex l-entita' tiġi mitluba jimmarkaw dawn il-kaxxi f'każ ta' bżonn ikunu jistgħu faċilment jiġu identifikati.

**475.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**475.5** **Aġġornament – Dekasteri u responsabbiltajiet**

**475.5.1** Il-Viċi Sindku qal li l-mappa tal-postijiet ta' interess fil-lokalita' b'koordinazzjoni mal-MTA issa tlestiet u qegħda għall-istampar. Huwa qal li flimkien mas-sotto kumitat qed tiġi ffinalizżata Strateġija għat-Turiżmu. Din ser tiġi diskussa mal-MTA bi skopijiet ta' finanzjament u tiġi imnedija iktar tard din is-sena. Hu qal li l-ktieb tat-tfal taħt l-iskema tal-GAL ġie stampat ukoll.

**475.5.2** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li kuljum isegwi l-andament tal-kuntratturi tat-tindif biex jara li x-xogħol qed isir skont l-iskeda. Hu qal li qed jikkoordina maċ-Ċentru Anzjanita' attiva għall-attivitajiet li jmiss għall-anzjani dwar kura u saħħa ser ikollna sezzjoni ta' testijiet b'xejn mill-MHSA fl-istess ġurnata meta jkun haw il-bank tad-demm. Qed jikkoordina wkoll biex jerġa' jkun haw sezzjoni mid-dentistrija. Il-Kunsillier Vassallo qal li l-Clean Up taħt l-iskema finanzjarja tal-DLG huwa kkonfermat għall-20 ta' Settembru u ser isir koordinament ma' diversi NGOs m'mod spjeċjali taż-żgħażagħ. Huwa ħeġġeġ lill-kunsilliera biex jagħmlu kuntatt mal-għaqdiet lokali biex jagħtu s-sehem tagħhom fil-komunita'. Huwa informa li ġew mibdula numru ta' bins iktar attraenti fil-bajja ta' Għar Lapsi taħt l-iskema finanzjarja tar-Reġjun Punent u anka tbiddlu bins fi Triq Dun Manwel Zammit bħala parti mill-iskema finanzjarja tal-LESA.

**475.5.3** Il-Kunsillier Albert Pace irringrazzja għal bdil ta' bins ġodda fil-bajja ta' Għar Lapsi li huma ħafna isbaħ. Huwa saqsa lill-Viċi Sindku rigward il-heritage trail jekk hux inkluż it-taraġ ta' Lapsi ħalli ma jkunux qed jaħdmu fuq l-istess ħaġa. Ippropona li minn Ottubru issir mixja għat-tfal mit-taraġ. Huwa qal li malli jispiċċa s-sajf ser isegwi l-andament tax-xogħolijiet tal-Public Works u tal-bdil tad-dwal.

**475.5.4** Il-Kunsillier Dominic Grech qal li Għar Lapsi wara iċ-ċint tal-parkeġġ fiż-żona Natura 2000, qed ikun parkeġġ tal-vetturi li jibqgħu deħlin u qed jagħmlu ħsara. Huwa talab li jiġu informati l-awtoritajiet. Huwa qal li qed isewgi l-andament tar-restawr tal-istatwa ta' Triq San Nikola mal-Viċi Sindku fejn ir-restawratur qed jeżamina l-ħsarat biex ikun jista' jevalwa x'intervent hemm bżonn.

**475.5.5** Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li qiegħed f'koordinament mar-Reġjun Punent biex issir sports day fil-kumpless sportiv. Hu qal li l-aħjar data biex ma taħbatx ma' avvenimenti oħra tal-Kunsill hija it-28 ta' Settembru. Hu qal li qed jara x'hemm bżonn biex ikun jista' jibgħat lista u naraw xi spejjeż hemm. Hu qal li dak inhar jiġi ffirmat il-ftehim mal-Football Club, ftehim li ilna naħdmu ħafna fuqu u fl-aħħar ser ikunu jistgħu jibbenefikaw ir-residenti u l-komunita' biex ikollhom post fejn jistgħu jużaw għal attivita' fiżika. Il-Kunsillier Farrugia talab laqgħa mal-kuntrattur tal-landscaping għal xi nuqqasijiet.

**475.6** **Aġġornament – Proġetti infrastrutturali u inizjattivi**

**475.6.1** Reading Garden
Is-Sindku informa li kien jonqos xi dokumenti li issa ġew preżentati lil BCA u għalhekk ix-xogħol jista' jibda għall-aħħar ta' Awwissu.

**475.6.2** Xogħol ta' bankini
Is-Sindku qal li x-xogħol ta' bankini mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet għaddej kif pjanat.

**475.6.3** Toroq rurali

Is-Sindku informa li bħalissa qed isiru il-livelli fit-Triq il-Lewża, Triq Santu Kristu tal-Għolja fadal xi xogħol xi jsir, u Triq tal-Girgenti jidher li għad hemm xi issues u l-aħħar aġġornament minn Infrastructure Malta hija li fadal qisu ġimgħatejn biex titlesta. Hu qal li dan id-dewmien huwa ta' detriment u ostaklu lill-bdiewa speċjalment bħalissa żmien il-ħsad. Is-Sindku informa li saru il-linji tat-traffiku fi Triq Dun Manwel Zammit kollha li s'issa ma kienx hemm, u diġà jidher li t-triq ħadet ċerta ordni fil-parkeġġjar ta' vetturi. Dawn saru parti mill-proġett b'fondi tal-Lesa. Is-Sindku informa wkoll li ser jibda x-xogħol tal-Enemalta fi Triq Blat il-Qamar u Triq ta' Kilpa.

**475.7** **Aġġornament - Xogħlijiet tal-Enemalta**

Is-Sindku informa li l-ewwel fażi tax-xogħolijiet tal-Enemalta fi Triq Mons Mikiel Azzopardi qed tingħalaq u qed jingħata l-asphalt. Hu qal li ix-xogħol ser jitkompla fiż-żona Kirċippu, wara li jagħtu l-asphalt lit-trinka fi Triq il-Għid. Is-Sindku kjarifika li l-Kunsill ma kienx infurmat li ser tingħalaq Triq il-Għid u qal li kien hemm diversi ilmenti u tgergir mir-residenti fejn il-Kunsill minnufih ikkomunika mal-Enemalta biex issir id-devjazzjoni u s-senjaletika kif suppost filwaqt li jingħata aċċess temporanju lis-sidien ta' garaxxijiet. Is-Sindku qal li ma ingħatatx go-ahead biex tingħalaq Triq Bla il-Qamar qabel jinfetaħ l-aċċess tal-Bypass. Hu qal li din il-ġimgħa għandha tingħalaq ukoll Triq Salvatore Mallia kif ġie imsemmi f'Seduta preċedenti, u għalhekk anka jkun hemm devjazzjoni tat-trasport pubbliku. Is-Sindku qal ukoll li qed jikkoordina għall-aħjar devjazzjoni speċjalment tat-trakkijiet biex tkun tista' tingħalaq Triq Ta' Kilpa.

**475.8** **Vjal Kulħadd: Aġġornament u ftehim**

Is-Sindku qara l-abbozz tal-ftehim tal-proġett mibgħut minn Infrastructure Malta. Hu qal li kien hemm emendi f'diversi klawsoli li ġew iċċarati, kif ukoll li qabel jiġi fir-responsabilta' tal-kunsill għandu jkun hemm risk assessment report tax-xogħolijiet. Il-Kunsill unanimament qabel li jipproċedi bil-ftehim u jinbdew ix-xogħolijiet.

**475.9** **Ftehim tal-Family Park fi Triq Salvu Borg Olivier**

Is-Sindku qara l-ftehim mibgħut minn Indis kif emendat, fejn qal li ġew mibdula xi klawsoli kif kien ġibed l-attenzjoni tagħhom il-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li għandu jiżdied Annex bix-xogħolijiet kollha li huma koperti b'garanzija. Il-Kunsill unanimament qabel li jiprosegwi bl-iffirmar.

**475.10** **Ftehim bejn il-Kunsill Lokali u s-Siġġiewi Football Club**

Is-Sindku qara il-ftehim kif emendat. Kien hemm rimarka dwar item 6 li fil-Ħdud ikun hemm events oħra u ma jkunx jista' jintuża skont il-ftehim. Is-Sindku propona li l-Football Club iħejji kalendarju ta' attivitajiet meta l-ground ma jkunx disponibbli minħabba attivitajiet oħrajn. Rigward Bookings, is-Sindku qal li għandu jkun hemm ftehim mal-Football Club biex jinstab l-aħjar mod kif jittieħdu il-bookings. Is-Sindku talab lill-Kunsillier responsabbli mill-isports Christopher Farrugia biex tiġi proposta data għall-iffirmar u anke biex dakinhar issir attivita' sportiva fil-kumpless. Ġiet proposta it-28 ta' Settembru.

**475.11** **Għar Lapsi**

Rapport dwar is-shower fil-Bajja ta' Għar Lapsi

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat korrispondenza mingħand id-Direttorat tas-Saħħa Referenza EHRM/EU13/28/2025 Comp 3413/2025 rigward spezzjoni fil-bajja ta' Għar Lapsi rigwardanti ilment dwar ilma qiegħed, irwejjaħ u kontaminazzjoni bis-sapun kkaġunati mis-shower fil-bajja, fejn qed jitolbu azzjoni immedjata mill-Kunsill f'dan ir-rigward. Irreferiet ukoll għall-korrispondenza fl-istess suġġett mis-Segretarjat tal-Akkomodazzjoni fejn irċevew rapport fl-istess sens. Il-Kunsillier Albert Pace qal li hu li jiffrekwenta Lapsi jista' jgħid li din is-sena m'hemmx tgergir mill-pubbliku u li wara li l-Kunsill kien diġà ħa provedimenti wara l-ilmenti tas-sena l-oħra, u twaħħlet tabella biex ma jsirx użu ta' sapun, in-nies huma konxji dwar dan u s-sitwazzjoni

tjiebet mis-sena l-oħra. Hu qal li mhux sew li hemm persuna partikolari u qed tressaq ilment mal-entitajiet kollha, titneħħa xi ħaġa li qed igawdu minnha ammont ta' nies. Hu qal li qed isegwi personalment mal-beach cleaner ukoll biex l-area tingħorok spiss biex ma jitrabbiex għażiż. Is-Sindku talab li tintbagħat risposta f'dan is-sens u li nibqgħu insegwu.

Il-Kunsillier Albert Pace qal li għamel talba lid-Dipartiment tat-Turiżmu biex jinbidlu l-bankijiet kollha ta' fuq (tat-triq) minħabba li qegħdin kundizzjoni ħażina u krieħu. Hu qal li inbidlu il-bins ta' fuq u ġew jixirqu mal-post. Qal li qed jinsisti biex it-trasport għal bajja jiġi estiż għas-sena kollha. Qal ukoll li qed isegwi dwar tranġar ta' ċint mill-ħaddiema tax-Xogħolijiet Pubbliċi u qed isegwi wkoll il-proġett għall-bdil tad-dwar fil-parkeġġ li għandu jsir f'Novembru.

475.12 **Aġġornament: Xogħol ta' Works Manager**

Is-Sindku talab li dan l-item jiġi diskuss fis-Seduta li jmiss meta jkollna r-reviżjoni tal-budget.

475.13 **Diskussjoni dwar ħinijiet tal-ġbir ta' skart – Reġjun Punent**

Is-Sindku rrefera għal stħarriġ li kien qed jagħmel ir-reġjun dwar preferenzi għall-ġbir tal-iskart jekk hux filgħodu kif inhu preżentement jew filgħaxija. Hu qal li kull lokalita' għandna l-esiġenzi tagħha u li hu tajjeb għal post mhux tajjeb għal ieħor. Is-Sindku qal li s-Siġġiewi huwa lokalita' pjuttost kwieta u l-ġbir bil-lejl jista' jkun ta' fastidju lir-residenti. Qal ukoll li waqt il-ġurnata huwa iktar prattiku li titratta l-ilmenti mir-residenti. Hu talab diskussjoni dwar dan. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li s-servizz preżenti jaqdi il-ħtieġa tal-lokalita'. Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ma jeskludix li jadotta ħinijiet filgħaxija ġaladarba jkollna iktar dettalji dwar dan.

475.14 **Terminu tal-perjodu ta' probation tal-Clerikal Officer (Customer Care Clerk)**

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kien wasal fi żmien it-terminu ta' probation għall-impjegata. Hija qalet li l-impjegata drat xogħolha u hija inkarigata prinċipalment mill-follow ups tal-ilmenti. Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li l-pubbliku jaraha bħala azzjoni pożittiva mmens li jiġi kkuntatjat dwar ir-rapport li jkun għamel. Is-Sindku qal li huwa importanti li l-istaff amministrattiv ikun full complement u kulħadd ikollu rwol partikolari biex ix-xogħol amministrattiv jimxi b'effiċjenza.

475.15 **Programm TVM fuq is-Siġġiewi**

Is-Sindku qal li fl-iskeda li jmiss ser jitnieda programm mill-irħula b'quddies u attivita'fil-Pjazza. Huwa qal li is-Siġġiewi skedat għall-1 ta' Frar 2026. Iktar dettalji u loġistika dwar dan il-programm jingħataw 'il quddiem.

475.16 **Festa Għeneb 2025 – Preparamenti**

Is-Sindku qal li l-programm ta' Festa Għeneb issa ġie finalizzat. Din is-sena l-attivita' ser tkun mifruxa ukoll fi Triq il-Kbira, fejn ser issir sezzjoni ta' wine Tasting & pairing bil-għajnuna ta' chef professjonali u bil-parteċipazzjoni ta' numru ta' wineries prominenti maltin. Is-Sindku qal li grazzi għal skema finazjarja li l-Kunsill applika għaliha taħt il-Fondi Ewropew tal-Gal Majjistral, ser ikollna wkoll innovazzjoni ta' kċina u anka involviment ta' parteċipanti barranin fosthom b'parteċipazzjoni prinċipali il-Belt ta' Noto li ħa jġibu rappreżentanza tal-isfilata barikka u anka ser jagħmlu diżinn mill-infjorata. Hu qal li bħas-soltu ser tinżamm it-tradizzjoni ta' għodod agrikoli, għodod relatati ma' vitikultura, għana u snajja. Il-Kunsillier Christopher Farrugia staqsa għal-lista ta' nies involuti fl-organizzazzjoni u jekk dawn jitħallsux. Is-Sindku qal li hemm kumitat organizzattiv għal din l-attivita' u attivitajiet oħra li jaħdmu b'mod volontarju. Is-Sindku qal li jitħallas min joffri servizz bħal kull servizz ieħor.

**475.17** **End of Year Race 2025**

Is-Sindku qal li saret l-ewwel laqgħa mal-koordinaturi ta' din l-attivita' u ġew diskussi items bażiċi bħal diżinn tat-trophies, sponsors, reklami u preparamenti oħra. Il-maratona hija pjanata għall-Ħadd 28 ta' Diċembru 2025, bl-istess rotta bħal tas-sena l-oħra.

**475.18** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

Is-Sindku ddikjara konflitt f'applikazzjonijiet: PA/00280/24, PO4058/22, PA4692/25

**475.19** **Financial report Q2 (April-Ġunju 2025)**

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat kopja tar-rapport finanzjarju għat-tieni kwart tas-sena, kopja diġà mibgħut qabel. Hija tat spjega tar-rapport. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tar-rapport kif preżentat.

**475.20** **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**475.20.1** Fondi tal-LESA għal sigurta' waqt attivitajiet

Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-komunikat mil-LESA rigward Skema – Servizzi waqt attivitajiet – linja gwida/regolamenti. Hija spjegat li sa issa, dawn il-fondi kienu jingħataw lill-Kunsilli għas-servizz ta' uffiċjali ta' sigurta' f'attivitajiet kulturali. Hija qalet li issa s-sistema inbidlet u il-fondi ser jibdew jingħataw direttament lill-NGO's għaqdiet wara li japplikaw għalihom. Għalhekk, l-għaqdiet ser jiġu infurmati b'dan.

**475.20.2** Tismija ta' triq ġdida fi Triq ir-Rebbiegħa

Is-Sindku rrefera għal korrispondenza mill-Kumitat Tismija ta' Toroq biex jiġi propost isem għal triq ġdida fi Triq ir-Rebbiegħa, murija fuq il-pjanta. Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet żewġ ismijiet diġà proposti mill-Kunsill f'Seduti preċedenti. Ġie mistoqsi jekk tagħmilx sens li jingħataw numerar tar-residenzi jekk għadu qed isir żvilupp. Ġie ssuġġerita li nistaqsu lill-Kumitat dwar dan u terġa tissemma fis-seduta li jmiss.

**475.21** **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**475.22** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva.

**475.23** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**475.23.1** Il-Kunsillier Christopher Farrugia irrefera għall-mozzjoni preżentata f'Seduta preċedenti u preżenta dan id-dokument li inqara minnu:

*"Nixtieq nirreferi għall-mozzjoni li ġiet ippreżentata rigward l-istudju tal-kapaċità (capacity study) fil-lokalità. Bla dubju, dan huwa suġġett importanti, u jiġġenera interess leġittimu. Madankollu, nħoss li kien importanti li nfakkru li diġà qed isir xogħol konkret f'dan ir-rigward, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll reġjonali.*

*Il-Gvern, permezz tal-Aġenziji u l-Entitajiet tiegħu, ilu jibda jindirizza dawn il-kwistjonijiet b'serjetà, dejjem b'rispett lejn il-bilanċ delikat li hemm bżonn bejn żvilupp ekonomiku, infrastrutturali, ambjentali u soċjali. Dan kollu qed jikkontribwixxi għal investiment sostnut u bla preċedent fil-kwalità tal-ħajja tal-komunitajiet tagħna. Dan il-ħsieb jinsab ukoll imnaqqax fil-Viżjoni 2050, li tiffoka b'mod ċentrali fuq il-kwalità tal-ħajja tan-nies.*

*Fuq livell reġjonali, il-Kunsilli Reġjonali diġà wettqu social impact assessments li wasslu biex jiġu identifikati temi soċjali ewlenin li għandhom jiġu indirizzati. Dawn l-istudji wasslu biex jinħadmu strateġiji reġjonali konkreti, li issa qed jiġu żviluppati flimkien mal-Kunsilli Lokali u f'konsultazzjoni mal-għaqdiet u l-komunità kollha.*

*F'dan il-kuntest, inħeġġeġ lill-Kunsill tagħna biex jinvolvi ruħu mal-Kunsill Reġjonali biex naraw kif nistgħu nibbenefikaw mill-istudji li saru u nibdew naħdmu fuqhom b'mod adattat għar-realtà lokali tagħna.*

*Irrid infakkar ukoll li dan il-proċess mhux wieħed ta' darba. Ir-riforma li saret fl-2019 tipprovdi li social impact assessments isiru kull ħames snin, biex ikollna dejjem informazzjoni friska, attwali u rilevanti.*

*Għaldaqstant, kont nistenna li din l-informazzjoni u dan il-kuntest jitressqu għall-attenzjoni tal-Kunsill qabel ittieħed vot fuq il-mozzjoni."*

Is-Sindku talab li dan l-item jiġi inkluż fis-Seduta li jmiss.

**475.23.2** Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li kien qed jara minuti preċedenti u saqsa jekk iċ-ċertifikat tal-ġemellaġġ ma' Bari ġiex impoġġi fi gwarniċ. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ilu fil-gwarniċ.

**475.23.3** Il-Kunsillier Dominic Grech qal li kien talab installazzjoni ta' mirja fi Triq Annabelle Vassallo quddiem garaxxijiet. Hu qal ukoll li kien talab biex jitwaħħal l-isem tat-triq il-Professur Enriko Vassallo wara li l-plakka kienet inqalgħet biex isir żvilupp. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li hemm problema għax is-sid il-ġdid ma aċċettax li titwaħħal il-plakka mal-binja u ser tiġi ordnata plakka ġdida biex titwaħħal fuq arblu. Il-Kunsillier Dominic Grech semma wkoll il-bus shelter ta' Triq it-Tabib Nikola Zammit u qal li support kien hemm arranġament li jerġa jsir. Qal li rċieva talba biex jitwaħħlu bankijiet fir-roundabout ta' Triq it-Tabib Nikola Zammit. Hemm bżonn tindif fit-toroq rurali Ta' Bellu u Ta' Manduca. Il-Kunsill propona wkoll li jsir ftehim ta' manutenzjoni fuq il-monumenti li jkunu ġew restawrati.

**475.23.4** Il-Viċi Sindku qal li hemm mera fil-junction ta' Brija li inħbiet minn kappara. Hu talab li jew tinżabar il-kappara jew titressaq il-mera ħalli jkun hemm vizibilta' ċara. Huwa qal li rċieva talba minn residenti li jipparkjaw mar-roundabout fi Triq Lorenzo Gafa u x'ħin jinżlu mill-vettura jiġu fil-ħamrija, fejn qed jitolbu li tiżdied biċċa bankina minflok ħamrija. Semma wkoll il-problema tal-ħmieġ tal-ħamiem.

**475.24** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**
Il-laqgħa intemmet fit-8.05 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 15 ta' Settembru 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 15 ta' Settembru 2025

| | |
|---|---|
| Il-Perit Julian Borg | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |